MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Talba Numru. 2352/2004

**Charles Bugeja (ID261255M)**
**vs**
**Clive Micallef**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Dicembru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' hames mitt lira Maltija (Lm500.00), rapprezentanti hlasijiet ghal xoghol ta' kisi, tibjid u xogholijiet ohra relatati li kellhom isiru mill-konvenut fuq inkarigu tal-attur fil-fondi « October Passion » u « Malatima Hse » fi Triq il-Htajniet, Mosta, liema xoghol baqa' ma sarx mill-konvenut kif ser jirrizulta waqt il-kawza.**
**Bl-ispejjez, bl-imghax u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-15 t'April, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta**

**risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mitt lira Maltija (Lm500.00) bl-imghax legali dekoribbli mill-lum, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------